MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2008

Numru 339/2007

Il-Pulizija
(Spettur Daniel Zammit)

Vs.

John Tanti
Mario Attard

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputati, detenturi tal-karta tal-identità numri 477550(M) u 43778(M) rispettivament akkuzati talli:

1. bejn Gunju u Novembru 2006, gewwa l-Imsida, Hal Tarxien u gewwa dawn il-Gzejjer, bhala ufficjali jew impjegati pubblici, ghal vantagg privat taghkom, ghamlu uzu minn flejjes tal-Gvern jew tal-privat, karti ta' kreditu jew dokumenti, titoli, atti jew hwejjeg mobbli, illi kienu gew

fdati lilhom minhabba l-kariga jew l-impjieg taghhom, jew serquhom, u dan ai termini tal-Artikolu 127 tal-Kap 9;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bhala ufficjali jew impjegati pubblici, li in konnessjoni mal-kariga jew impjieg taghhom, ircevew jew accetaw ghalihom jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli iehor, jew ta' xi vantagg iehor, li ghalihom huma ma kelhomx jedd, u dan ai termini tal-Artikolu 115 tal-Kap 9;

3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi approprijaw rwiehhom, billi dawwru bi profitt ghalihom jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor, li giet fdata jew ikkunsinjata lilhom taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir minnha uzu specifikat u dan ai termini tal-Artikolu 293 tal-Kap 9.

Semghet lill-imputati jammettu l-akkuzi fl-ewwel udjenza fl-liema ammisjoni huma insistew anka wara li l-Qorti taghthom zmien jirrikonsidraw u reghgu insistew fuqha f'din l-udjenza qabel il-Qorti qrat is-sentenza.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:
Illi l-imputati huma akkuzati taht il-Kap 9: ta' serq maghmul minn ufficcjal jew impjegat pubbliku (Art 127); ta' korruzzjoni (Art 115); ta' approprjazzjoni indebita (Art 293).

Illi l-fatti li taw lok ghall-akkuzi u li jirrisultaw mill-istqarrijiet tal-imputati (esebiti in atti) huma fil-qosor li bhala impjegati tal-Enemalta bhala assistant fitter u electrician rispettivament indahlu sabiex jassistu li jigu mbaghbsa, fiz-zgur, zewg meters tal-elettriku f'djar ta' terzi. Igifieri li entrambi l-imputati ghamlu haga li mhux suppost ghamluha u ghal dan ircevew rikompens anka jekk mhux sostanzjali.

Intant l-ammissjoni tal-imputati hija wahda volontarja u inkondizzjonata. Ghaldaqstant issib u tiddikjara l-imputati hatja tal-akkuzi dedotti kontra taghhom rat l-Artikoli 115, 119, 127, 293, 294, 10(7), 17(b) tal-Kap 9 u tikkundannhom sentejn prigunerija kull wiehed li billi jidrilha li l-kaz huwa wiehed li jixraqlu terminu ta' prigunerija però m'hemmx fatturi li jipprekludu li tigi sospiza qeghda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tissospendihom ghal erba' snin mil-lum oltre li tikkundanna lil kull wiehed mill-imputati l-interdezzjoni perpetwa.

Tordna li l-kundanna ghall-interdezzjoni tigi ppublikata fil-Gazzetta tal-Gvern skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------